# REĠJUN TRAMUNTANA

112, Triq Ġulju,Bugibba San Pawl il-Baħar,SPB 2617

**Email:** regjun-tramuntana.dlg@gov.mt **Tel:**+35621572770


**Laqgħa Reġjonali Nru. 13 ta' 2024, miżmuma nhar il-Erbgħa, 18 ta' Settembru 2024, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| • Paul Vella | L-Imġarr | Membru |
| • Christopher Deguara | In-Naxxar | Membru |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Membru |
| • Vincent Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Dale Hayman | L-Imtarfa | Membru |
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |
| • Mary Louise Briffa | Ħal Balzan | Delegat |

- Bjorn Bonello — Segretarju Eżekuttiv

Membri Skuzati:

- Gabriel Micallef — Il-Mellieħa — Membru

AĠENDA

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.12
3. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Annwali (AGM 2023)
4. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
5. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet;
6. Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena 2024.
7. Aġġornamenti u diskussjoni;
   7.1 Attendenza tal-President għal UN Climate Change Conference Baku Azerbaijan – Nov 2024
   7.2 Ġabra Speċjali – Skart minn ċimiterji fil-lokalitajiet tar-reġjun
   7.3 Tqassim ta’ ittra ta’ informazzjoni f’kull residenza fir-Reġjun dwar ġbir ta’ skart domestiku
   7.4 Kors għall-istaff - Award in English for Business Management
   7.5 Implimentazzjoni ta’ l-istrateġija taħt il-proġett Nudging Active Travel
8. Affarijiet oħra
9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti;
10. Aġġornament

---

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fil-ħamsa u nofs (17.30) ta’ filgħaxija. Il-President flimkien ma dawk preżenti għamlu mument ta’ silenzju fejn intqalet talba għar-ruħ is-Sur Karl Gouder u għal bzonnijiet tal-familja tiegħu.

**1. Ittri ta’ Apoloġija**

Il-President Clifford Galea nforma li s-Sindku Gabriel Micallef talab biex ikun skużat minħabba impenji oħra filwaqt li s-Sindku Dale Hayman informa li kien ser jingħaqad fil-laqgħa aktar tard. Il-kunsillier Aiken Żerafa attenda il-laqgħa bħala delegat fl-assenża tas-Sindku Joseph Gatt.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.12**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa nru. 12 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, issekondata mis-Sindku Stefan Cordina, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

**3. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Annwali (AGM 2023)**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa annwali (AGM 2023) hekk kif miktuba mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku Perit Vincent Galea issekondata mill-kunsillier Norbert Dalli kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

**4. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President**

**4.1. Aġġornamnet dwar Malta Libraries**

Fuq suġġeriment tas-Segretarju Eżekuttiv, kien hemm qbil li jsir eżerċizzju ta' relazzjonijiet pubbliċi fil-librerija l-ġdida ta' Ħ’Attard, fejn il-kunsilli lokali tar-reġjun jiffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni li ntbagħtu mill-istess Segretarju Eżekuttiv lill-kunsilli kollha li għandhom librerija. Xi kunsilli diġà ffirmaw dan il-ftehim, filwaqt li oħrajn qegħdin fil-proċess li jagħmlu dan. Ħal Balzan, madankollu, m'għandux librerija pubblika.

**4.2. Manutenzjoni minuri f'binjiet pubbliċi – Ċirkulari numru SPI/SCI/07/2024**

B'referenza għaċ-ċirkulari N7/24 li tirreferi għal Espressjoni ta' interess għal servizz ta' manutenzjoni minuri f'binjiet pubbliċi, is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunika mal-kunsilli lokali anke permezz ta' telefonati biex iħeġġeġ lill-kunsilli ma jitifux dawn l-għajnunijet li jistaw ikunu ta' fejda. Dan jorbot ukoll mar rapport li is-Segretarju Eżekuttiv bagħat lill kull kunsill li ġie preparat mil-Malta Libraries dwar il-ħtiġijiet tal-libreriji pubbliċi fi ħdan il-lokalita tagħhom.

**4.3. Proġett tal-Milied – The Jolly Hoppers**.

Is-Sur Justin Formosa li huwa id-Direttur ta' Tikka Banda bagħtilna proposta ta' proġett għal żmien il-milied li jismu The Jolly Hoppers. Dan il-proġett huwa festival mużikali interattiv li jikkonsisti minn 8 mużiċisti u crowd puller. Dan is-servizz jiswa €750.00 + VAT għal siegħa u nofs. Is-Sur Formosa offra ukoll li jista jkun hemm diskussjonijiet sabiex jintlaħaq ftehim ta' l-aħjar servizz jekk ikun hemm bżonn anke ta' 20/30 minuta fejn mużiċisti jieħdu s'hemm f'workshop ta' tip ta' kunċert żgħir fil-beraħ. L-imejl ser tintbagħat lill Kunsilli Lokali f'kas li jkun hemm ix-xewqa sabiex isir kuntatt mas Sur Formosa għal dan is-servizz, Is-Segretarju Eżekuttiv informa lis-Sur Formosa bil-miktub li għadda id-dettalji tiegħu lill Artistic Director ta' Arts Council Malta għal possibilità ta' kollaborazzjoni aktar il-quddiem fi proġett kulturali bil-għan li jaqqad il-komunità.

**4.4. Proposta minn Gwida.mt**

Il-President informa li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iddiskutew diversi proposti dwar reklamar mill-portal Gwida.mt. Għalkemm dawn il-proposti jistgħu jkunu ta' benefiċċju, sfortunatament dan mhux il-mument opportun biex ir-Reġjun jinvesti f'inizjattiva bħal din.

**4.5. Ittri mibgħuta lill-Entitajiet varji**

Il-President għamel referenza għal l-ittri li ntbagħtu lill-Awtorità ta' l-ippjanar, lid-dipartiment tat-Tindif u Manutenzjoni, lill-Transport Malta u lill-Infrastructure Malta. Dawn l-ittri ntbagħtu b'posta irreġistrata u b'hekk għandna l-informazzjoni li kollha ġew ikkunsinnati. Nforma li l-Infrastructure Malta wieġbu għal din l-ittra fejn stidnu lir-Reġjun għal konferenza stampa li saret dalgħodu. Waqt din il-konferenza ġiet diskussa l-importanza li l-kunsill Lokali ta' kull lokalita rispettiva għandu ikun nformat bix-xogħlijiet li ser isiru mill-entita.

**4.6. PROs**

Il-President nforma li ntbagħat ir-reviżjoni tal ftehim mal-PROs biex jitħallsu il ħlasijiet dovuti. Minħabba li r-reġjun ser ikun firmatarju f'dan il-kuntratt is-Segretarju Eżekuttiv għamel il kummenti tiegħu fuq l-aħħar verżjoni u jidher li il-ftehim qed joqrob li jiġi konkluż. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kemm huma importanti d-definizzjonijiet meta isir xi tip ta'kuntratt sabiex jiġu evitati interpretazzjonijiet differenti.

**4.7. Community Chest Fund**

Il-President għamel referenza għal Festa tal-Vittorja fejn il-kunsill lokali tan-Naxxar preżenta donazzjoni ta' €100 lill Community Chest Fund. Staqsa għal suġġerimenti mil-membri ta' kif nistgħu niġbru donazzjonijiet għan nom tar-Reġjun. Wara diskussjoni sar ftehim li issir ġabra bejn l-impjegati waqt it-team building tal-Milied.

**4.8. Kruċetti**

Il-President nforma li ser jinġabru kwotazzjonijiet sabiex kull każin fir-Reġjun ikollu kruċetta wara li ser issir verifika dwar: kemm saru diġa, sarx il-pagament dovut ta' dawk li saru, u kemm fadal biex isiru.

**4.9. Aġġornament - Blue Green Exercise for Well Being Project – 23-29th September 2024**

Sar aġġornament rigward il-proġett ta' diversi attivitajiet fiżiċi u tindif li ser isiru bejn it 23 u id-29 ta' Settembru 2024. Ġew preżentati il-flyers kif ukoll it-*timetable* ta' dawn l-attivitajiet. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li ser ikun hemm *team building* nhar is-sibt 28 ta' Settembru ġewwa l-grawnd tal-futbol ta' San Gwann fit tmienja (20.00) ta' filgħaxija u ħeġġeġ il-parteċipazzjoni f'dawn l-attivitajiet kollha.

**4.10. Vjal Kulhadd / Mobility Week**

Il-President stieden lill membri jaraw id-dokumenti rigward il-Mobility Week li ġew ċirkolati fil-jiem li għaddew u talab proponimenti ta' inizjattivi fejn ir-reġjun jista' jkun ta' għajnuna

Waqt il-konferenza stampa ta' Infrustructure Malta ġiet fis-seħħ inizjattiva ġdida b'fond totali ta' għaxar miljun euro biex numru ta' proposti jiġu formulati mill-kunsilli lokali. Il-proċedura kollha tinstab fuq is-sit eletroniku bl-isem Vjal Kulħadd. Il-President ħeġġeġ lill-kunsilli lokali javviċinaw lir-Reġjun biex jinħolqu proposti u jkun hemm koperazzjoni flimkien sabiex ma jintilfux dawn l-opportunitajiet u il-fond li jiġu magħom.

**4.11. Podcast**

Saret diskussjoni mal-Profs Andrew Azzopardi dwar podcast ta' kif tista issir kollaborazzjoni biex jitwettqu il-miżuri tas-SIA u tiżdied aktar il-parteċipazzjoni tal- komunità kif ukoll ġew diskussi meżżi ta' kif jista jiżdied l-għarfien dwar il-poteri u ir-responsabiltajiet tar-reġjun u l-kunsilli lokali. L-ispisa ta' dan il-podcast hija ta' €500 kull sensiela. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri ntlaħaq ftehim li podcast mhuwiex l-aħjar meżż biex titwassal din l-informazjoni, u li meżżi soċjali moderni bħal tiktok u buletttin żgħir ikun aktar adattat. Dan is-suġġett ser jerġa jiġi diskuss aktar fid-dettal f' Jannar wara li jsiru l-allokazjonijiet neċċesarji.

Is-Sindku Dale Hayman ingħaqad għal laqgħa fis-sitta (18.00) ta' filgħaxija

**4.12. Bionerga Waste to Energy and Foil to Foil Recycling facility for PE foils in Beringen Oct 24**

Il-President informa li waqt iż-żjara ġewwa Brussel għal European Week of Regions and cities f'Ottubru 2024, Is-Segretarju Eżekuttiv u il-maniġer tal-iskart ġew mistiedna għal żjara fuq is-sit ta' Municipal Waste Europe u biex jattendu laqgħat li ser issiru fit-08 u 09 ta' Ottubru 2024.

**4.13. SEM – Servizzi Ewropej Maltin**

Saret laqgħa ma' Roderick Zerafa (Kap Eżekuttiv) u Darren Grasso (Head od Projects) fejn ġew diskussi għajnuniet li bijhom ir-reġjun jista jkun ta' sostenn lill din l-aġenżija, inkwantu ta' laqgħat ma' stakeholders, għaqdiet volontarji u Kunsilli Lokali biex tiġi ċirkolata informazzjoni importanti dwar opportunitajiet ta' fondi kif ukoll ta' edukazzjoni ta' kif jintużaw il-portals. Ir-Reġjun ġie mitlub jirrakkomanda lokazzjoni preferibilment li ġiet finanzjata b'fondi Ewropej għal laqgħa fil-11/12/13 ta' Novembru wara il-ħamsa (17.00) ta' filgħaxija. Ġie diskuss ukoll numru ta' proposti bħal dak li jista' jkun restawr ta' bini storiku li jkun disponibbli għal finijiet soċjali kif ukoll jiġu finanzjati riċerki ulterjuri għas-SIA. Dan kollu bil-għan li l-Kunsilli jiġu involuti fi proġetti li jkunu għal livell moderat ta' kompetizzjoni.

**4.14. Proposti għal Devoluzzjoni**

Il-President fakkar il-membri jresqu proposti għal devoluzzjoni ta'art jew propjeta mill-Gvern Ċentrali. Informa li r-reġjun jemmen li opportunitajiet f'dan il-qasam jieħdu tul ta' żmien u preparamenti biex nibenifikaw minn skemi u fondi li jkunu ta' benefiċċju għal kommunitajiet tar-reġjun.

**4.15. Cat Feeders**

Ir-Regjun qed jesplora numru ta' proposti biex titjieb is-sitwazzjoni ta' kolonji tal-qtates u ir-regolamentazzjoni tal-cat feeders. Ġie diskuss li jsiru numru ta' tabelli ta' informazzjoni ħdejn kolonji reġistrati mal-kunsill biex il-pubbliku ma jitmagħax il-qtates, joqgħod attent kif isuq u jirraporta jekk ikun hemm xi rimi ta' skart jew kolonji fi stat ħażin ta' ndafa. Dan fid-dawl tal-fatt ta' regoli ġodda maħruġa mil-Gvern Ċentrali iżda iżjed u iżjed minħabba li ir-reġjun wara diversi laqgħat ma cat feeders u diversi ispezzjonijiet li saru huwa tal-fehma li jekk din is-sitwazzjoni ma titteħidx aktar bis serjetà, kemm il-ħarsien ta' l-annimali u wisq aktar l-użu ta' fondi pubbliċi mhux qedin ikunu mħarsa kif xieraq. Ġie nnutat ħafna ħela ta' ikel u żieda konsiderevoli ta' bagħal tażżunżan fejn l-ispiża biex jitneħħew bejtiet żdiedet bil-bosta . F'waħda minn dawn il-laqgħat il-kunsilliera ta' San Pawl il-Baħar, Sandra Smart Costantino issuġġeriet li jsiru tags għal cat feeders irreġistrati u din l-idea ġiet milqugħa tajjeb minn dawk preżenti u anki mis-Segretarju Eżekuttiv. Għaldaqstant ser tibda il-proċedura biex isir id-disinn ta' dawn it-tabelli u tags, jiġu identifikati is-siti u jiġu preżentati għal attenzjoni tal-membri fil-laqgħat li ġejjien.

**4.16. Rigali tal-Milied**

Saret diskussjoni fejn il-membri qablu li din is-sena m'humiex ser isiru hampers u diaries, iżda ikun aktar għaqli li tingabar donazzjoni waqt it-team building tal-Milied.

**5. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet;**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija minn naħa tal-membri.

**6. Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena 2024.**

Il-President preżenta r-rapport finanżjarju għat-tieni kwart tas-sena 2024. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ir-reġjun reġa għalaq dan il-kwart b'deficit minħabba li ir-reġjun għadu mhux qed jirkupra l-ispejjes kollha relatati mal-ġbir ta' l-iskart u ħlas dovut mill-PROs. Fuq proponiment tal-President issekondata mis-Sindku Stefan Cordina il-kumitat approva r-rapport finanzjarju hekk kif preżentat.

**7. Aġġornamenti u diskussjoni**;

Il-President ħareġ mil-laqgħa sabiex jkun jista' jiġi diskuss il-punt li jmiss.

**7.1. Attendenza tal-President għal UN Climate Change Conference Baku Azerbaijan – Nov 2024**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-President ġie mistieden għal UN Climate Change Conference Baku Azerbaijan li ser issir bejn l-4 u 22 ta' Novembru 2024. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ser ikun hemm rifużjoni ta' biljetti ta' l-ajru kif ukoll ta' tlett (3) iljieli ta' akkomodazzjoni. Wara diskussjoni intlaħaq ftehim li l-President jattendi din il-konferenża għal l-aktar dati importanti tal-konferenża li ser ikunu bejn is-17 u l-20 ta' Novembru 2024. Fuq proposta tas-Sindku Stefan Cordina, issekondata mis-Sindku Paul Vella kien hemm qbil unanimu.

**7.2. Ġabra Speċjali – Skart minn ċimiterji fil-lokalitajiet tar-reġjun**

Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għal kollezzjoni addizzjonali ta' skart miċ-ċimiterji fir-reġjun. Dan is-servizz jiswa €4,940 (għal tnejn u ħamsin (52) ġimgħa). Qed isir awditjar minħabba ħafna mankanzi ta' kontabilita u trasparenza fejn ir-reġjun m'għandu l-ebda viżibilità dwar l-operat tal-kuntrattur responsabbli. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri ġie deċiż li minħabba li kienet għada kemm saret laqgħa mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart ftit tas-sigħat qabel fejn ġie informat b'dawn il-mankanzi, dan is-suġġett għandu jiġi diskuss aktar fid-dettal wara li tingħabar l-informazzjoni kollha meħtieġa minn għand il-kuntrattur li ġie mitlub jipprovdi. Kien hemm qbil unanimu.

**7.3. Tqassim ta' ittra ta' informazzjoni f'kull residenza fir-Reġjun dwar ġbir ta' skart domestiku**

Bil-Permess tal-membri ser tintbghat ittra f'diversi lingwi lil kull residenza u lil kull negozju biex jiġu mfakkra il-prattiċi koretti tar-rimi ta' skart. Dan ser isir bl-għan li titjieb is-sitwazzjoni preżenti fil-lokalitajiet speċjalment dawk turistiċi. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazja lil kull min ta s-suġġerimenti tiegħu rigward dawn l-ittri. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sindku Dot. Christopher Deguara, kien hemm qbil unanimu. Ser jinġabru stimi tal-ispejjes biex jintbgħatu dawn l-ittri.

**7.4. Kors għall-istaff - Award in English for Business Management**

Wara diskussjoni ma diversi kumpaniji tat-taħriġ ntlaħaq ftehim li l-aħjar kors li jista' jiġi provdut f'dan il-mument huwa il-kors offrut minn Idea College, bis-suġġett ta' English for Business Management. Dan il-kors ser jiswa €2500 għal ħmistax (15) il-ruħ. S'issa ir-reġjun għandu sebgħa (7) applikazzjonijiet mil-impjegati għaldaqstant il-membri ġew mħeġġa jiċċirkulaw l-informazzjoni sabiex kif ikun hemm applikazzjonijiet biżżejjed jista' jingħata dan it-taħriġ. Fuq proponiment tal-President issekondat mis-Sindku Paul Vella kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku Perit Vincent Galea telaq mil-laqgħa fis-sebgħa (19.00) ta' filgħaxija.

**7.5. Implimentazzjoni ta' l-istrateġija taħt il-proġett Nudging Active Travel**

Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għal korrispondenza li rċieva r-reġjun fejn kien hemm in-notifika li ma sarx pagament dovut. Kien sar studju fejn ġew identifikati siti disponibbli biex jitwaħħlu tabelli b'informazzjoni utli li jintużaw minn persuni li jixtiequ jimxu jew jużaw ir-rota. Ser isir sforz sabiex dan jiġi finanzjat minn fondi jew skemi Ewropej jew lokali bħala mobbiltà sostenibbli.

**8. Affarijiet oħra**

Ma tqajmux punti oħra.

**9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazjoni, l-iskeda ta' pagamenti Numru 179 għall-perjodu ta' bejn l-17 ta' Awwissu 2024 u l-11 ta' Settembru 2024. L-Iskeda mmsemmija ġiet approvata mill-proponent is-Sindku Dale Hayman u issekondata mill-kunsillier Aiken Żerafa. Il-membri qablu unanimament.

**10. Aġġornament;**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sebgħa u kwart (19.15) ta' filgħaxija. Il-membri qablu unanimament li s-seduta li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2024.

IFFIRMATA

Clifford Galea

President

IFFIRMATA

Bjorn Bonello

Segretarju Eżekuttiv

Approvati illum l-Erbgħa, 23 ta' Ottubru 2024.